# Li Tkun Trans fl-UE

## Analiżi komparattiva tad-data tal-istħarriġ tal-UE dwar persuni LGBT

## Sommarju

*L-Artikoli 1, 2 u 3 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jiggarantixxu d-dritt tad-dinjità tal-bniedem, id-dritt għall-ħajja u għall-integrità tal-persuna. L-Artikoli 6, 7 u 8 jiggarantixxu d-dritt għal-libertà u għas-sigurtà, għar-rispett għall-ħajja privata u tal-familja, u għall-protezzjoni tad-data personali. L-Artikolu 14 jirrikonoxxi d-dritt għall-edukazzjoni u l-Artikolu 20 id-dritt għall-ugwaljanza f'għajnejn il-liġi. L-Artikolu 21 jiggarantixxi d-dritt ta' nondiskriminazzjoni, inkluż fuq il-bażi ta' sess, u l-Artikolu 35 jirrikonoxxi d-dritt għall-kura tas-saħħa, l-Artikolu 45 għal-libertà ta' moviment u ta' residenza, u l-Artikolu 47 għal rimedju effettiv u għal proċess imparzjali.*

Il-ġeneru maskili jew femminili li niġu assenjati bih mat-twelid huwa bbażat fuq il-karatteristiċi fiżiċi tagħna. Dan jista', madankollu, ma jkunx jaqbel mal-identità tal-ġeneru tagħna – jiġifieri, il-mod kif naħsbu u nħossuna dwar il-ġeneru tagħna. Hekk kif iżjed u iżjed persuni trans jirrifjutaw b'mod miftuħ li jidentifikaw ruħhom bħala maskili jew femminili, qed joħroġ biċ-ċar li s-sentimenti tal-ġeneru ma jistgħux jiġu marsusa f'kaxxi ristretti ta' "femminil" u "maskil". Ir-riżultati tal-istħarriġ tal-UE dwar persuni leżbjani, gay, bisesswali u trans (LGBT) jenfasizza l-bżonn li nimxu lil hinn minn dawn il-kaxxi kemm f'diskussjonijiet ġenerali dwar il-ġeneru fis-soċjetà kif ukoll meta nqisu miżuri speċifiċi legali u ta' politika.

Billi nixħtu dawl fuq il-ħajja ta' kuljum tal-persuni trans fl-Unjoni Ewropea (UE) u fl-Istati Membri tagħha, ir-rikkezza u n-natura komparabbli tad-data mill-istħarriġ LGBT, imwettaq mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA), jagħmel dan possibbli.

*"Bħala transġeneru, inħoss li huwa kruċjali li dawk li jfasslu l-politika u l-fornituri tal-kura tas-saħħa jifhmu li hemm iżjed minn żewġ estremi biss fl-ispettru tal-ġeneri. Jista' jkun hemm minn kollox bejn l-estremi, u n-nies jistgħu jgħixu ħajja sodisfatta mingħajr ma jkunu fuq l-ebda tarf tal-ispettru, jiġifieri la kompletament raġel u lanqas kompletament mara. Neħtieġu iżjed fehim, iżda iżjed importanti, neħtieġu iżjed riżorsi u appoġġ legali biex ngħixu ħajjitna bħal nies oħra."* (Mara trans, 28, Il-Pajjiżi l-Baxxi)

Ir-rapport sħiħ *Being Trans in the European Union*, u dan is-sommarju, jibnu fuq l-evidenza mill-istħarriġ biex tiġi analizzata r-realtà li jgħixu 6 579 parteċipant li ddikjaraw lilhom infushom bħala trans – terminu umbrella li jiġbor fih lil dawk kollha li jidentifikaw ma' ġeneru differenti u/jew jesprimu l-identità tal-ġeneru tagħhom b'mod differenti minn dik li ġew assenjati biha mat-twelid. Il-persuni trans fl-Ewropa u fid-dinja jużaw dan it-terminu b'mod wiesa'; għalhekk intgħażel biex jevita l-konfużjoni ma' wieħed mill-gruppi ta' identità possibbli li minnhom il-parteċipanti setgħu jagħżlu ("transġeneru"). Għalkemm ir-riżultati ma jistgħux jitqiesu rappreżentattivi tal-persuni trans kollha fl-UE, dawn jikkostitwixxu l-ikbar ġabra ta' evidenza empirika tax-xorta tagħha sal-lum biex titfa' dawl fuq l-esperjenzi tal-persuni transġeneri fid-diversi sferi tal-ħajja.

# Sejbiet ewlenin

Ir-riżultati jiżvelaw li l-persuni trans jiffaċċjaw ksur frekwenti tad-drittijiet fundamentali tagħhom: diskriminazzjoni, vjolenza u fastidju, kollha fi grad iżjed intensiv minn dak li jsofru parteċipanti oħra fl-istħarriġ leżbjani, gay jew bisesswali. Dawn

l-esperjenzi jnisslu sentimenti persistenti ta' biża' u jwasslu biex xi persuni trans jevitaw ċertu postijiet u jaħbu l-identità tal-ġeneru vera tagħhom — li jkompli jnaqqas id-drittijiet tagħhom.

Il-problemi li jiffaċċjaw il-persuni trans meta jesprimu b'mod liberu l-ġeneru tal-esperjenza tagħhom jipperpetwaw in-nuqqas ta' sensibilizzazzjoni pubblika dwar ir-realtà tal-identitajiet u l-ħajjiet tagħhom. Dawn joħolqu ċirku vizzjuż ta' biża' u injoranza, ta' intolleranza, diskriminazzjoni u anke vjolenza instigata mill-mibegħda.

Meta l-pjanijiet ta' azzjoni, il-miżuri pożittivi u l-politiki dwar l-ugwaljanza li jiġġieldu d-diskriminazzjoni jkunu żviluppati u implimentati tajjeb, il-persuni trans jgħidu li huma jkunu iżjed miftuħa dwar l-identità tal-ġeneru tagħhom. Ir-riżultati tal-istħarriġ jenfasizzaw li l-oqfsa legali u l-istrumenti ta' politika jħallu effett. Dawn jikkontribwixxu għall-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali u għall-avvanz tan-normi u l-ideat soċjali — li jtejbu l-ħajjiet tan-nies.

**Opinjoni tal-FRA**

**Insaħħu l-azzjoni tal-UE u r-reazzjonijiet nazzjonali**

*L-UE u l-Istati Membri tagħha huma mħeġġa — billi jibnu fuq l-evidenza ta' dan l-istħarriġ u fuq l-esperjenza u l-prattiki promettenti eżistenti f'xi Stati Membri tal-UE — biex jindirizzaw il-kwistjonijiet tal-persuni trans. Dawn għandhom, b'mod partikolari, iqisu l-identità tal-ġeneru u l-espressjoni tal-ġeneru bħala raġunijiet protetti fid-drittijiet tal-bniedem u fil-politiki kontra d-diskriminazzjoni, fil-pjanijiet ta' azzjoni u fil-kampanji ta' tqajjim ta' sensibilizzazzjoni.*

*Billi dan l-istħarriġ sab li d-diskriminazzjoni u l-vjolenza spiss jistgħu jiġru minħabba l-espressjoni tal-ġeneru mhux konformi tal-persuna, l-Istrateġija tal-UE għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel għandha tissaħħaħ biex tinkludi azzjonijiet li jiġġieldu l-istereotipi tas-sessi u d-diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' identità tal-ġeneru, l-espressjoni tal-ġeneru u t-transfobija.*

## PARTEĊIPANTI TRANS FL-ISTĦARRIĠ TAL-UE DWAR PERSUNI LGBT

Minħabba d-diversità ta' persuni trans, din l-analiżi teżamina l-gruppi ta' subidentità filwaqt li tagħraf li l-kwistjonijiet dwar id-drittijiet fundamentali li jaffettwawhom jistgħu jkunu profondament differenti. Minkejja li r-riċerka preċedenti fil-qasam tal-istudji trans tiddeskrivi differenzi fil-ħajjiet tan-nisa trans, l-irġiel trans u persuni oħra trans, din hi l-ewwel darba li studju mifrux fl-UE kollha qed jagħmilha possibbli li jitqabblu s-sottogruppi differenti. Il-kampjun tal-LGBT fl-UE fih biżżejjed numri fis-sottogruppi biex jippermettu paraguni bejniethom li jinvolvu attenzjoni kbira għad-dettall (Figura 1).

Dawn il-gruppi — nisa trans, irġiel trans, nisa li jilbsu tas-sess oppost, irġiel li jilbsu tas-sess oppost, transġeneri, varjanti tal-ġeneru u persuni oħra differenti — jikkorrispondu għat-termini li għażlu l-parteċipanti trans huma stess. L-esperjenzi tal-persuni trans huma affettwati wkoll mill-isfond edukattiv u soċjoekonomiku tagħhom u karatteristiċi oħra, li l-analiżi tqis fejn rilevanti.

**Figura 1: Gruppi ta' identità fil-kampjun tat-trans (%)**




Mistoqsijiet: *Varjabbli komputat fuq dawn il-mistoqsijiet tal-istħarriġ:*
*A2. Liema sess kont assenjat mat-twelid? Mara/Raġel.*
*A3. Inti bħalissa/int kont persuna transgender? Iva.*
*A3.1 Jekk jogħġbok agħżel it-tweġiba li taqbel l-iktar għalik. 1 Transġeneru 2 Transesswali 3 Mara b'passat transesswali 4 Raġel b'passat transesswali 5 Varjanti tal-ġeneru (Gender variant) 6 Nies li jilbsu tas-sess oppost (Cross dresser) 7 Differenti 8 Oħrajn, jekk jogħġbok ikteb:...*

Nota: *Il-parteċipanti fil-kategoriji "transġeneru" u "transesswali" ġew miġbura mill-ġdid bħala rġiel u nisa trans — għal iktar dettalji ara l-Anness 2 tar-rapport prinċipali.*

Bażi: *Parteċipanti trans fl-istħarriġ tal-UE dwar persuni LGBT.*

Sors: *FRA, Stħarriġ tal-UE dwar Persuni LGBT, 2012*

### Karatteristiċi tal-parteċipanti trans fl-istħarriġ

Il-parteċipanti trans:

- huma bħala medja ta' età żgħira, b'7 minn kull 10 parteċipanti fl-età ta' bejn it-18 u d-39 sena (medja: età ta' 34 sena);

- jinqasmu f'diversi sottogruppi (gruppi ta identità), bin-nisa trans jammontaw għad-doppju tal-irġiel trans, u bi kważi l-istess numru ta' nisa u rġiel li jilbsu tas-sess oppost;
- jinkludu dawk b'livell għoli ta' edukazzjoni daqs kemm dawk b'livell ta' edukazzjoni iżjed baxx;
- għandhom tendenza li jkunu iktar spiss fil-kwart ta' introjtu iżjed baxx mill-popolazzjoni inġenerali;
- jiddeskrivu l-orjentazzjoni sesswali tagħhom bħala bisesswali jew gay, jew jużaw termini differenti;
- għandhom tendenza li ma jkunux f'relazzjoni, b'terz minnhom jgħixu f'unità domestika unika;
- spiss jgħixu f'ambjent urban.

Il-kampjun tat-trans huwa divers ħafna, u jvarja bejn is-sottoidentitajiet jew is-sottogruppi magħżula, is-sentiment attwali li tkun raġel, mara jew xi ħaġa oħra (li tappartjeni għal ġeneru), l-espressjoni tal-ġeneru u l-modi kif il-parteċipanti ppruvaw jgħixu skont l-identità tal-ġeneru tagħhom (attitudni miftuħa/tranżizzjoni soċjali u/jew medika).

Nofs il-parteċipanti trans huma b'livell għoli **ta'edukazzjoni** (kulleġġ, università jew lawrji ogħla, 53 %). Nofs il-parteċipanti trans (51 %) jindikaw li jinsabu f'xogħol imħallas, li jinkludi dawk fuq liv temporanju. Wieħed minn kull erba' parteċipanti huwa student (24 %) u 13 % huma qiegħda. Segmenti żgħar mill-kampjun qed jagħmlu xogħol mhux imħallas jew volontarju, huma rtirati jew inkella mhux qed jaħdmu.

Id-distribuzzjoni tal-**introjtu** tal-kampjun totali tal-LGBT tikkorrispondi ma' dik tal-popolazzjoni inġenerali,[1] b'madwar kwart tal-parteċipanti jappartjenu għal kull kategorija. Il-parteċipanti trans huma, madankollu, iktar probabbli minn gruppi oħra LGB li jirrapportaw introjtu tal-unità domestika fil-kwart ta' taħt u inqas probabbli li jirrapportaw introjtu fil-kwart ta' fuq.

Madwar nofs il-parteċipanti fil-gruppi kollha trans jindikaw li, fiż-żmien tal-istħarriġ, ma kinux f'**relazzjoni** (48 %) u l-maġġoranza jindikaw li l-**istatus ċivili** tagħhom huwa ta' persuna waħedha (75 %). Wieħed minn kull seba' parteċipanti huwa miżżewweġ jew jgħix fi sħubija reġistrata (15 %).

## Diskriminazzjoni

*"Nixtieq li l-ġeneru meqjus tiegħi jkun irrelevanti. Jien għandi nkun kapaċi nkompli bl-affarijiet tiegħi u niġi trattat b'mod ġust u b'rispett irrispettivament minn kif nippreżenta lili nnifsi. Irrid li nitħalla nkun jien innifsi mingħajr ma ninkwieta dwar l-oħrajn."*
*(Trans, 42, Ir-Renju Unit)*

Il-parteċipazzjoni soċjali ugwali u sħiħa ta' kulħadd mingħajr diskriminazzjoni hija l-prekundizzjoni għal soċjetajiet inklużivi u koeżivi li jieħdu vantaġġ mill-kapital uman tagħhom u jiggarantixxu l-benessri u l-prosperità lill-membri kollha tagħhom. F'dan ir-rigward, ir-riżultati tal-istħarriġ tal-UE dwar persuni LGBT huma inkwetanti. Dawn juru li l-ugwaljanza ta' persuni trans hija, sa issa, objettiv li diffiċli jintlaħaq li jeħtieġ azzjoni deċiżiva fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri.

Fis-sena ta' qabel l-istħarriġ iżjed minn nofs il-parteċipanti trans kollha (54 %), meta mqabbla mas-47 % tal-parteċipanti LGBT kollha, ħassewhom personalment iddiskriminati kontra jew iffastidjati minħabba li ġew meqjusa li huma trans. Dawk il-parteċipanti li kienu żgħażagħ, mhux f'xogħol imħallas jew minn klassi ta' introjtu iżjed baxx kienu iktar probabbli li jħossuhom iddiskriminati kontra.

1 Derivat mir-riżultati dwar id-distribuzzjoni tal-introjtu tal-Istħarriġ Soċjali Ewropew (ESS), ara l-Anness 2 fir-rapport ewlieni għal iżjed dettalji.

**Figura 2: Parteċipanti li ħassewhom iddiskriminati kontra jew iffastidjati minħabba li ġew meqjusa bħala trans fl-aħħar 12-il xahar, skont il-grupp ta' identità (%)**




*Mistoqsija:* *C2A. F'dawn l-aħħar 12-il xahar, fil-pajjiż fejn tgħix, inti personalment, ħassejt li ġejt diskriminat/a jew ingħatajt fastidju minħabba li kont meqjus/a bħala: D. Transġeneru. Iva.*

*Bażi:* *Parteċipanti trans fl-istħarriġ tal-UE dwar persuni LGBT.*

*Sors:* *FRA, Stħarriġ tal-UE dwar Persuni LGBT, 2012*

Barra minn hekk, iżjed ma l-parteċipanti trans kienu miftuħa dwar li huma jew li kienu trans, kien iktar probabbli li huma jindikaw li kienu jħossuhom iddiskriminati kontra.

L-istħarriġ kopra esperjenzi ta' diskriminazzjoni f'diversi oqsma tal-ħajja soċjali.

- Impjiegi: iktar minn wieħed minn kull tliet parteċipanti trans ħassu ddiskriminat kontra minħabba li huwa trans meta kien qed ifittex impjieg (37 %), u kwart (27 %) irrapportaw diskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol.
- Edukazzjoni: kwart tal-parteċipanti trans li kienu jattendu l-iskola/l-università huma nfushom jew li għandhom it-tfal l-iskola/l-università, jgħidu li personalment ħassew li kien

**Figura 3: Sentiment li kien hemm diskriminazzjoni kontrik f'dawn l-aħħar 12-il xahar meta tkun qed tfittex xogħol jew fuq il-post tax-xogħol, skont il-grupp ta' identità (% iva)**




*Mistoqsija:* *C4. Matul dawn l-aħħar 12-il xahar, inti personalment qatt ħassejt li kien hemm diskriminazzjoni kontrik f'kwalunke waħda mis-sitwazzjonijiet li ġejjin, minħabba li inti transġeneru: A. Meta tkun qed tfittex xogħol; B. Fuq il-post tax-xogħol.*

*Bażi:* *Il-parteċipanti trans fl-istħarriġ tal-UE dwar il-persuni LGBT li applikaw għal impjieg jew li ħadmu/kienu impjegati fit-12-il xahar ta' qabel l-istħarriġ.*

*Sors:* *FRA, Stħarriġ tal-UE dwar Persuni LGBT, 2012*

**Figura 4: Attitudni miftuħa dwar li tkun trans fl-iskola sekondarja, skont il-grupp ta' identità (%)**




*Mistoqsija:* *C9. Matul l-edukazzjoni tiegħek qabel l-età tà 18-il sena, inti... — A. Tkellimt fil-beraħ l-iskola dwar li inti transġeneru? Il-kategoriji tat-tweġibiet kif elenkati fil-figura (il-kategorija "Ma tapplikax għalija" eskluża).*

*Bażi:* *Il-parteċipanti trans fl-istħarriġ tal-UE dwar il-persuni LGBT li ħassew li l-mistoqsija kienet tapplika għas-sitwazzjoni tagħhom.*

*Sors:* *FRA, Stħarriġ tal-UE dwar Persuni LGBT, 2012*

**Figura 5: Ir-raġuni għaliex l-inċident l-iżjed reċenti ta' diskriminazzjoni ma ġiex irrapportat (% tal-każijiet)**




*Mistoqsijiet:* *C6. Meta taħseb dwar l-iktar inċident reċenti, inti jew xi ħadd ieħor irrapportajtu x'imkien? "Le".*
*C7. Għaliex ma sarx rapport?*

*Bażi:* *Parteċipanti trans fl-istħarriġ tal-UE dwar persuni LGBT li saret diskriminazzjoni kontrihom, u ma rrapportawx l-inċident l-iżjed reċenti ta' diskriminazzjoni.*

*Sors:* *FRA, Stħarriġ tal-UE dwar Persuni LGBT, 2012*

hemm diskriminazzjoni kontrihom mill-persunal tal-iskola jew tal-università fit-12-il xahar ta' qabel l-istħarriġ. Meta nħarsu lejn l-istudenti trans biss, in-numru jitla' għal 29 %.

- Kura tas-saħħa: madwar wieħed minn kull ħames parteċipanti li aċċessaw is-servizzi tal-kura tas-saħħa (22 %) jew is-servizzi soċjali (19 %) fis-sena ta' qabel l-istħarriġ ħassew li kien hemm diskriminazzjoni kontrihom mill-persunal tal-kura tas-saħħa jew tas-servizzi soċjali minħabba li huma trans.
- Prodotti u servizzi: li tkun żagħżugħ, qiegħed u/jew minn klassi ta' introjtu iżjed baxx iżid il-possibbiltajiet li l-parteċipant iħoss li kien hemm diskriminazzjoni kontrih fis-sena ta' qabel l-istħarriġ.

Kien biss numru żgħir ħafna ta' parteċipanti li rrapportaw l-iżjed inċident riċenti ta' diskriminazzjoni. Il-persuni trans huma, madankollu, iktar probabbli li jirrapportaw l-iżjed esperjenza reċenti tagħhom minn gruppi LGB oħra. Iżjed minn tlieta minn kull ħames parteċipanti trans ma rrapportawx l-inċident għaliex kienu konvinti li ma kien se jiġri jew jinbidel xejn, u nofshom għaliex ħasbu li ma kienx ta' min jirrapportah. Il-parteċipanti trans kienu mħassba wkoll li l-inċident ma jitteħidx bis-serjetà, u ma xtaqux jiżvelaw l-orjentazzjoni sesswali u/jew l-identità tal-ġeneru tagħhom. Kważi wieħed minn kull tlieta (30 %) ma kienx jaf kif jew fejn għandu jirrapporta.

## Opinjonijiet tal-FRA

***Diskriminazzjoni fl-impjiegi u aċċess għall-prodotti u s-servizzi***

*Ir-riżultati tal-istħarriġ juru korrelazzjoni b'saħħitha impressjonanti bejn l-espressjoni tal-ġeneru u l-esperjenzi ta' diskriminazzjoni. Meta jirrevedi l-leġiżlazzjoni attwali dwar l-ugwaljanza jew jadotta leġiżlazzjoni ġdida f'dak il-qasam, il-leġiżlatur tal-UE għandu jiżgura li l-leġiżlazzjoni tkopri wkoll id-diskriminazzjoni fuq il-bażi tal-identità tal-ġeneru. Il-protezzjoni legali attwali mogħtija mil-liġi tal-UE lil dawk li għandhom il-ħsieb, li għaddejjin jew li għaddew minn tibdil tal-ġeneru għandha tiġi estiża lill-persuni trans kollha.*

*L-istħarriġ juri li huma ftit ħafna l-parteċipanti trans li jirrapportaw l-inċidenti ta' diskriminazzjoni li jesperjenzaw lill-awtoritajiet. L-UE għandha tkompli timmonitorja mill-qrib l-effikaċja tal-korpi nazzjonali dwar l-ilmenti u tal-proċeduri fil-kuntest tal-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar it-trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa (2006/54/KE) tfassil mill-ġdid) u d-Direttiva li timplimenta l-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa fl-aċċess għal u l-provvista ta' merkanzija u servizzi (2004/113/KE). L-Istati Membri tal-UE għandhom jiżguraw li l-korpi dwar l-ugwaljanza u mekkaniżmi oħra nazzjonali dwar l-ilmenti jkollhom mandat adegwat u riżorsi adegwati sabiex iżidu s-sensibilizzazzjoni dwar id-diskriminazzjoni fuq il-bażi tal-identità tal-ġeneru u jtejbu r-rapportar tal-inċidenti.*

*L-Istati Membri tal-UE għandhom jiżguraw li s-settur pubbliku jiżviluppa u jimplimenta strateġiji dwar id-diversità u politiki dwar it-trattament ugwali b'rispett sħiħ għall-privatezza, bil-kondiviżjoni tal-esperjenzi u l-prattiki tajba li jindirizzaw il-bżonnijiet tal-persuni trans. Dan jista' jinkiseb billi, pereżempju, jiġu adottati kodiċi ta' kondotta u jiġi ffaċilitat it-tibdil tal-isem u tal-markaturi tal-ġeneru fuq dokumenti relatati mal-impjieg. L-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu l-isforzi mit-trejdunjins u mill-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem biex itejbu l-politiki dwar id-diversità u n-nondiskriminazzjoni fuq il-bażi tal-identità tal-ġeneru fuq il-post tax-xogħol u f'istituzzjonijiet ta' taħriġ vokazzjonali.*

***Diskriminazzjoni fl-edukazzjoni***

*L-istħarriġ juri li l-edukazzjoni huwa qasam fejn il-parteċipanti trans jesperjenzaw bullying u reazzjonijiet negattivi minħabba l-espressjoni jew l-identità tal-ġeneru tagħhom. L-UE għandha tgħin fil-ġlieda kontra l-bullying ta' persuni trans fl-iskejjel kemm tal-istudenti kif ukoll tal-ġenituri, bħala parti mill-isforzi tagħha biex tiġġieled l-istereotipi tal-ġeneru permezz tal-Istrateġija tal-UE għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel. Il-Programm tal-UE għall-Edukazzjoni għandu jinkoraġġixxi t-tagħlim bejn il-pari fost l-Istati Membri tal-UE u jippromwovi l-aħjar prattiki eżistenti fil-ġlieda kontra l-bullying transfobiku.*

*L-Istati Membri tal-UE għandhom jiżguraw li l-iskejjel jipprovdu ambjent sikur u ta' appoġġ għall-persuni trans, ħieles mid-diskriminazzjoni, il-bullying u l-esklużjoni. L-iskejjel għandhom jitħeġġu jadottaw politiki ġenerali konta l-bullying li jinkludu kwistjonijiet trans.*

*L-awtoritajiet pubbliċi kompetenti, bħall-korpi dwar l-ugwaljanza, l-istituzzjonijiet nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem u l-ombudspersons tat-tfal, għandu jkollhom mandat, riżorsi u inkoraġġiment kif xieraq biex jesploraw każijiet ta' bullying u diskriminazzjoni fuq il-bażi tal-identità tal-ġeneru fl-edukazzjoni.*

*L-Istati Membri tal-UE għandhom jiżguraw li informazzjoni oġġettiva dwar l-identità tal-ġeneru u l-espressjoni tal-ġeneru tkun parti mill-kurrikuli tal-iskola, biex jitħeġġu r-rispett u l-fehim fost il-persunal u l-istudenti u biex titqajjem sensibilizzazzjoni tal-problemi ffaċċjati mill-persuni trans. L-Istati Membri tal-UE għandhom jipprovdu taħriġ lill-professjonisti tal-edukazzjoni dwar kif għandu jkun l-approċċ għal kwistjonijiet trans fl-edukazzjoni u dwar kif għandhom jiġu ttrattati l-inċidenti ta' bullying u fastidju ta' natura transfobika.*

***Diskriminazzjoni u l-aċċess għas-saħħa***

*Kif juri l-istħarriġ, madwar wieħed minn kull ħames parteċipanti li aċċessaw is-servizzi tal-kura tas-saħħa jew is-servizzi soċjali fis-sena ta' qabel l-istħarriġ ħassew li kien hemm diskriminazzjoni kontrihom mill-persunal tal-kura tas-saħħa jew tas-servizzi soċjali minħabba li huma trans. L-Istati Membri tal-UE għandhom jiżguraw li l-prattikanti tal-kura tas-saħħa u l-persunal tal-assigurazzjoni tas-saħħa jiġu offruti taħriġ u sensibilizzazzjoni dwar il-bżonnijiet tas-saħħa tal-persuni trans biex jiġu eliminati preġudizzji u jitjieb il-forniment tas-servizzi lill-persuni trans.*

*L-Istati Membri tal-UE għandhom iqisu li jiżguraw li s-servizzi tal-kura tas-saħħa speċifiċi għall-persuni trans ikunu disponibbli u li l-persuni trans ikunu jistgħu jgawdu trattament ugwali u rispettuż meta jaċċessaw is-servizzi tal-kura tas-saħħa. L-Istati Membri għandhom iqisu li jiffaċilitaw it-trattament tal-konferma tal-ġeneru, u, fejn dan ma jkunx disponibbli, jippromwovu l-aċċess għal dan it-trattament fi Stat Membru tal-UE li joffrih.*

*L-Istati Membri tal-UE għandhom jagħmlu referenza għall-kura tas-saħħa speċifika għall-persuni trans fil-pjanijiet u l-politki nazzjonali tagħhom dwar is-saħħa u jiżguraw li l-istħarriġ dwar is-saħħa, il-kurrikuli tat-taħriġ u l-politiki dwar is-saħħa jqisu wkoll il-persuni trans u l-bżonnijiet tagħhom.*

Ir-rapportar ta' inċidenti ta' diskriminazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti, bħall-Korpi dwar l-Ugwaljanza, huwa essenzjali biex jiġi infurzat il-qafas legali eżistenti li jipprojbixxi d-diskriminazzjoni fuq il-bażi tal-identità tal-ġeneru fil-qasam tal-impjiegi. Id-Direttiva dwar it-trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa (tfassil mill-ġdid) tipprevedi l-istabbiliment ta' korpi dwar l-ugwaljanza bil-kompitu li jipprovdu assistenza għall-vittmi tad-diskriminazzjoni li jipproċedu bl-ilmenti tagħhom (l-Artikolu 20.2(a)). Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom jippermettu lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jgħinu lill-vittmi fil-proċeduri ġudizzjarji jew amministrattivi (l-Artikolu 17.2).

## Vjolenza u fastidju

*"Li tkun transġeneru fil-Litwanja hija l-iżjed ħaġa iebsa immaġinabbli. Jien ngħix f'biża' kontinwa, tant li fl-aħħar lanqas tkun trid tgħix iżjed. [...]. Nesperjenza tant diskriminazzjoni, fastidju u vjolenza li dawn saru l-ħajja ta' kuljum tiegħi."* (Transġeneru, 25, Il-Litwanja)

Ir-riżultat l-iżjed impressjonanti tal-istħarriġ tal-UE dwar persuni LGBT huwa l-livell għoli ta' vjolenza ripetuta u reati instigati mill-mibegħda li jsofru l-persuni

**Figura 6: Parteċipanti li ġew attakkati jew mhedda bi vjolenza fiżika u/jew sesswali f'dawn l-aħħar 12-il xahar, skont in-numru tal-inċidenti u l-gruppi ta' identità (%)**




*Mistoqsija:* *FA1_3. Kemm-il darba ġejt attakkat/a fiżikament/sesswalment jew mhedded/mhedda bi vjolenza minn xi ħadd f'dawn l-aħħar 12-il xahar fl-Unjoni Ewropea / f'dan il-pajjiż?*
*Bażi:* *Il-parteċipanti trans fl-istħarriġ tal-UE dwar il-persuni LGBT li esperjenzaw attakk fiżiku/sesswali jew theddida ta' vjolenza fit-12-il xahar ta' qabel l-istħarriġ.*
*Sors:* *FRA, Stħarriġ tal-UE dwar Persuni LGBT, 2012*

trans, li jindika l-bżonn ta' titjib fil-politiki li jiġġieldu r-reati ta' mibegħda fl-UE kollha:

- ir-rata annwali ta' inċidenza ta' vjolenza jew fastidju hija madwar inċident wieħed għal kull żewġ parteċipanti trans, li hija għolja d-doppju tar-rata ta' inċidenza għal parteċipanti leżbjani, gay u bisesswali;
- madwar tnejn minn kull ħames (44 %) parteċipanti trans li kienu vittmi ta' vjolenza fit-12-il xahar ta' qabel l-istħarriġ jindikaw li dan ġara tliet darbiet jew iżjed matul dan il-perjodu;
- it-tqassim skont il-grupp ta' identità juri li n-nisa u l-irġiel li jilbsu tas-sess oppost huma l-iktar probabbli li jkunu sofrew inċidenti vjolenti multipli (tliet darbiet jew iżjed) f'dan il-perjodu.

Fir-rigward tal-vjolenza li jsofru għal kwalunkwe raġuni u mhux biss minħabba l-identità tal-ġeneru tal-parteċipanti, il-parteċipanti trans huma l-iktar

**Figura 7: Prevalenza ta' vjolenza u theddid ta' vjolenza fl-aħħar ħames snin u fl-aħħar 12-il xahar, skont il-grupp ta' identità (%)**




*Mistoqsijiet:* *F1_A. Matul dawn l-aħħar 5 snin, inti kont: attakkat fiżikament/sesswalment jew mhedded bi vjolenza f'darek jew xi post ieħor (triq, fuq trasport pubbliku, fuq il-post tax-xogħol) għal kwalunkwe raġuni? Iva.*
*FA1_2. Meta sar L-AĦĦAR attakk fiżiku/sesswali jew theddid ta' vjolenza? F'dawn l-aħħar 12-il xahar.*
*Bażi:* *Parteċipanti trans fl-istħarriġ tal-UE dwar persuni LGBT.*
*Sors:* *FRA, Stħarriġ tal-UE dwar Persuni LGBT, 2012*

**Figura 8: L-iżjed inċident riċenti ta' vjolenza instigata mill-mibegħda, skont it-tip ta' vjolenza (%)**




*Mistoqsijiet:* *FA1_4. Meta taħseb dwar L-AĦĦAR attakk fiżiku/sesswali jew theddida ta' vjolenza, x'kien ġralek?*

*FA1_5. Taħseb li L-AĦĦAR inċident ta' attakk fiżiku/sesswali jew theddid ta' vjolenza f'dawn l-aħħar 12-il xahar ġraw parzjalment jew kompletament minħabba li inti ġejt meqjus bħala trans?*

*Nota:* **Każijiet b'inqas minn 30 tweġiba.*

*Bażi:* *Il-parteċipanti trans fl-istħarriġ tal-UE dwar persuni LGBT li ġew attakkati fiżikament/sesswalment jew mhedda bi vjolenza fit-12-il xahar ta' qabel l-istħarriġ parzjalment jew kompletament minħabba li ġew meqjusa li huma trans.*

*Sors:* *FRA, Stħarriġ tal-UE dwar Persuni LGBT, 2012*

probabbli mill-gruppi LGBT kollha li jgħidu li ġew attakkati jew mhedda bi vjolenza fiż-żewġ perjodi ta' ħames snin u ta' sena li dwarhom ġew mistoqsija fl-istħarriġ. Fil-ħames snin ta' qabel l-istħarriġ, 34 % tal-parteċipanti trans kollha esperjenzaw vjolenza jew ġew mhedda bi vjolenza, u 15 % esperjenzaw vjolenza jew it-theddida ta' vjolenza fit-12-il xahar ta' qabel l-istħarriġ.

Madwar wieħed minn kull 10 (8 %) parteċipanti trans ġew attakkati fiżikament jew sesswalment jew mhedda bi vjolenza li huma jaħsbu li ġrat parzjalment jew kompletament għaliex ġew meqjusa li huma trans. Fit-12-il xahar ta' qabel l-istħarriġ, il-vjolenza instigata mill-mibegħda kienet l-iktar probabbli fost in-nisa trans (16 %), irġiel li jilbsu tas-sess oppost (14 %) u parteċipanti transġeneru (11 %).

Fost il-parteċipanti kollha fl-istħarriġ dwar persuni LGBT, il-parteċipanti trans kienu l-iktar probabbli li jirrapportaw vjolenza instigata mill-mibegħda lill-pulizija. Wieħed minn kull ħamsa rrapportaw l-inċident l-iżjed reċenti instigat mill-mibegħda (21 %) u wieħed minn kull erbgħa inċident l-iżjed serju (24 %). Raġunijiet għaliex ma sarx rapportar jinkludu:

- nuqqas ta' fiduċja qawwi fl-awtoritajiet tal-pulizija: nofs il-parteċipanti ma rrapportawx l-inċident għaliex ħasbu li l-pulizija ma kienet se tagħmel xejn, u wieħed minn kull tlieta għaliex ħaseb li ma setgħu jagħmlu xejn;
- biża' minn reazzjoni omofobika u/jew transfobika mill-pulizija (iżjed minn wieħed minn kull tliet parteċipanti);
- fil-każ ta' fastidju instigat mill-mibegħda, il-parteċipanti spiss jgħidu li l-inċident kien żgħir wisq, mhux serju biżżejjed biex jiġi rrapportat, jew li ma ħasbux li setgħu jirrapportawh.

Meta l-vjolenza jew il-fastidju instigati mill-mibegħda ġew irrapportati lil organizzazzjoni li mhix il-pulizija, il-biċċa l-kbira tal-parteċipanti trans irrapportaw lil organizzazzjoni LGBT (iżjed min-nofs), wieħed minn kull 10 rrapporta lil istituzzjoni tal-istat jew nazzjonali, bħal korp dwar l-ugwaljanza, u/jew madwar 7 %–15 % lil organizzazzjoni ta' appoġġ ġenerali għall-vittmi.

Dawk li jwettqu l-att ta' vjolenza u fastidju jkunu f'ħafna mill-każijiet irġiel mhux magħrufa li jaġixxu fi gruppi. L-inċidenti instigati mill-mibegħda jseħħu ġewwa kważi daqs kemm iseħħu barra, filwaqt li l-fastidju instigat mill-mibegħda jseħħ ftit iżjed spiss fi spazji pubbliċi ġewwa. Mill-postijiet *barra* kollha, il-parteċipanti trans semmew l-iżjed spiss inċidenti fi triq, pjazza, parkeġġ tal-karozzi jew post pubbliku ieħor. Mill-postijiet *ta' ġewwa* kollha, il-vjolenza instigata mill-mibegħda ġrat l-iżjed spiss fid-dar, filwaqt li l-fastidju instigat mill-mibegħda ġara l-iżjed spiss fuq il-post tax-xogħol. Wieħed minn kull 10 inċidenti l-iżjed reċenti ta' fastidju seħħ fuq l-internet jew permezz tal-posta elettronika, inkluż il-Facebook u Twitter.

*"L-omofobija u t-transfobija huma ksur tad-dinjità tal-bniedem. L-attitudnijiet omofobiċi u transfobiċi huma inkompatibbli mal-valuri u l-prinċipji li fuqhom hija mwaqqfa l-Unjoni Ewropea — kif stabbiliti fl-Artikolu 2 tat-Trattat."*

*Kummissjoni Ewropea (2013), L-azzjonijiet tal-Kummissjoni qed jagħmlu d-drittijiet tal-persuni LGBT realtà, SPEECH/13/424, L-Aja, 17 ta' Mejju 2013*

L-atti ta' vjolenza u fastidju jiksru d-dritt għall-ħajja, id-dritt għar-rispett għall-integrità fiżika u mentali u għalhekk id-dinjità tal-bniedem. Dawn id-drittijiet huma protetti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE.

**Tabella: Post tal-inċidenti ta' vjolenza instigata mill-mibegħda u theddid ta' vjolenza f'dawn l-aħħar 12-il xahar (%)**

| | L-aħħar | L-iktar serju |
|---|---|---|
| Id-dar tiegħi | 8 | 9 |
| F'bini residenzjali ieħor, appartament* | 3 | 4 |
| L-iskola, università* | 5 | 6 |
| Fuq il-post tax-xogħol* | 3 | 4 |
| F'kafetterija, ristorant, pub, club | 10 | 8 |
| F'karozza* | 1 | 1 |
| Fuq trasport pubbliku | 9 | 7 |
| Fi klabb tal-isports* | 0 | 0 |
| X'imkien ieħor ġewwa* | 2 | 3 |
| Fi triq, pjazza, car park jew post pubbliku ieħor | 46 | 43 |
| Ġo park, foresta* | 3 | 4 |
| F'post (eż. club, bar) jew avveniment (eż. parata) speċifiku/a ta' LGBT* | 2 | 1 |
| X'imkien ieħor barra* | 5 | 7 |
| Oħrajn* | 2 | 2 |

*Mistoqsija:* *FA1_10; FA2_10. Fejn ġara dan?*
*Nota:* **Każijiet b'inqas minn 30 tweġiba.*
*Bażi:* *Il-parteċipanti trans fl-istħarriġ tal-UE dwar persuni LGBT li ġew attakkati fiżikament/sesswalment jew mhedda bi vjolenza fit-12-il xahar ta' qabel l-istħarriġ (l-aħħar inċident) jew fil-ħames snin (l-inċident l-iżjed serju) ta' qabel l-istħarriġ parzjalment jew kompletament minħabba li ġew meqjusa li huma trans.*
*Sors:* *FRA, Stħarriġ tal-UE dwar Persuni LGBT, 2012*

Il-Parlament Ewropew appella lill-Istati Membri "biex jirreġistraw u jinvestigaw ir-reati ta' mibegħda kontra persuni LGBTI[2], u jadottaw leġiżlazzjoni kriminali li tipprojbixxi l-inċitament ta' mibegħda abbażi tal-orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru." B'mod simili, ir-Rakkomandazzjoni Rec(2010)5 tinkoraġġixxi lill-Istati Membri tal-Kunsill tal-Ewropa biex "jiżguraw investigazzjonijiet effettivi, malajr u imparzjali f'każijiet allegati ta' reati u inċidenti oħra, fejn ikun hemm suspett b'raġuni valida li l-orjentazzjoni sesswali jew l-identità tal-ġeneru tal-vittma kkostitwixxew il-motiv għal min wettaq ir-reat". Din tappellalhom ukoll biex "jiżguraw li [...] dawk responsabbli minn dawn l-atti jittresqu quddiem l-awtoritajiet tal-ġustizzja b'mod effettiv u, fejn xieraq, jieħdu l-piena sabiex tiġi evitata l-impunità"[3].

*"Jiena esperjenzajt umiljazzjoni, swat, u insulti minn nies li naf u nies li ma nafx, imma ridt li n-nies ta' madwari jitgħallmu li jiena uman bħal kulħadd, u li l-orjentazzjoni sesswali tiegħi ma tagħmilnix differenti minnhom! Jiena uman – jiena persuna. Jiena kburi li jiena gay; qatt ma gdibt u qatt mhu se nagħmel dan fil-ġejjieni, minkejja l-prezz [li jkolli nħallas]."* (Trans, Gay, 29, Il-Bulgarija)

2 L-akronimu "LGBTI" jinkludi wkoll il-persuni "intersesswali". Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-4 ta' Frar 2014 dwar il-Pjan Direzzjonali tal-UE kontra l-omofobija u d-diskriminazzjoni abbażi tal-orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru (2013/2183(INI)).

3 CoE, Kumitat tal-Ministri (2010), *Rakkomandazzjoni Rec(2010)5 tal-Kumitat tal-Ministri lill-istati membri dwar miżuri għall-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni minħabba l-orjentazzjoni sesswali jew l-identità tal-ġeneru.*

Opinjoni tal-FRA

***Niġġieldu l-vjolenza u l-fastidju instigati mill-mibegħda kontra persuni trans***

*Meta tivvaluta l-leġiżlazzjoni nazzjonali li tittrasponi d-Direttiva 2012/29/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità (id-Direttiva tal-UE dwar il-Vittmi), il-Kummissjoni Ewropea għandha tagħti attenzjoni partikolari dwar jekk l-identità tal-ġeneru jew l-espressjoni tal-ġeneru humiex inklużi b'mod adegwat bħala karatteristiċi personali tal-vittmi f'valutazzjonijiet individwali.*

*Meta jimplimentaw id-Direttiva tal-UE dwar il-Vittmi, l-Istati Membri tal-UE għandhom jagħtu attenzjoni għall-ħtiġijiet għall-protezzjoni tal-vittmi ta' reati mwettqa minħabba l-identità tal-ġeneru tal-vittma (skont il-Premessi 9, 17 u 56 tad-Direttiva). L-Istati Membri tal-UE għandhom jiżguraw li matul il-proċedimenti kriminali kollha, skont l-Artikolu 21 tad-Direttiva tal-UE dwar il-Vittmi, id-dritt għall-protezzjoni tal-privatezza tal-persuni transġeneri, inkluż l-ismijiet u l-ġeneru preċedenti, jiġi kompletament rispettat.*

*L-Istati Membri tal-UE għandhom iqisu biex jippromulgaw dispożizzjonijiet tal-liġi kriminali li jagħtu protezzjoni kontra r-reati transfobiċi u jiżguraw li l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi huma mħarrġa biex jittrattaw il-kriminalità transfobika b'mod effettiv, li jinkludi t-tqajjim ta' sensibilizzazzjoni dwar kwistjonijiet trans.*

*L-Istati Membri tal-UE għandhom jindirizzaw in-nuqqas ta' rapportar ta' reati ta' mibegħda, inkluż reati kontra persuni trans, kif enfasizzat mill-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni ta' Diċembru 2013 dwar il-ġlieda kontra r-reati ta' mibegħda li kienu jirriflettu l-konklużjonijiet tal-Konferenza dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-FRA li saret f'Vilnius fl-2013. L-Istati Membri qed jiġu mistiedna jieħdu miżuri xierqa biex jiffaċilitaw ir-rapportar tar-reati ta' mibegħda mill-vittmi u sa fejn possibbli anke permezz tal-assoċjazzjonijiet li jappoġġjawhom. Dan għandu jinkludi miżuri li jibnu l-fiduċja fil-pulizija u f'istituzzjonijiet oħra tal-Istat. L-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi għandhom għalhekk ikunu mħarrġa dwar kif jittrattaw każijiet irrapportati minn persuni trans, b'mod partikolari li jikkonċernaw l-appoġġ tal-vittmi u l-irrekordjar sistematiku tal-inċidenti. Il-prattiki bħar-"rapportar minn parti terza", li jinvolvu l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili permezz ta' sħubiji li jinvolvu diversi aġenziji, jistgħu jitqiesu wkoll li jtejbu r-rati ta' rapportar.*

*L-Istati Membri tal-UE għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jirreġistraw, jinvestigaw u jieħdu passi kif xieraq kontra reati instigati mill-mibegħda abbażi tal-identità tal-ġeneru u l-espressjoni tal-ġeneru f'konformità mal-isforzi kontinwi biex jitjieb u jiġi approssimat il-ġbir tad-data dwar il-kriminalità (bħall-Grupp ta' Ħidma tal-Eurostat dwar l-Istatistika dwar il-Kriminalità u l-Ġustizzja Kriminali fil-qafas tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar l-Istatistika 2011–2015). Sabiex jiġu żviluppati miżuri legali u ta' politika bbażati fuq l-evidenza, l-Istati Membri għandhom jiġbru l-istatistika dwar in-numri u t-tipi ta' reati u l-identità tal-ġeneru tal-vittmi (skont l-Artikolu 28 u l-Premessi 56 u 64 tad-Direttiva 2012/29/UE) kif ukoll in-numru ta' trasgressuri li jkunu nstabu ħatja u t-tip ta' sentenza imposta.*

## Li tgħix bħala persuna trans

*"Għalhekk inqis lili nnifsi bħala raġel b'tendenzi femminili f'ġisem ta' mara. Meta nitkellem ma' oħrajn dwar dan, jaħsbu li jien miġnun. Inti jew raġel jew mara, u daqshekk! Mela allura, jien ma jien xejn."* (Mara li tilbes tas-sess oppost, 32, Id-Danimarka)

Id-data tal-istħarriġ turi li ħafna persuni trans jikbru u jgħixu f'ambjent soċjali li ħafna drabi mhux konxju mill-eżistenza u l-ħtiġijiet tal-persuni trans. Meta l-biża', ikkawżata minn vittimizzazzjoni u diskriminazzjoni persistenti, taħbat mal-injoranza ta' oħrajn — inkluż il-familja stess tal-individwu, il-post tax-xogħol jew l-ambjent soċjali — li persuna tinħeba jew tevita li tkun viżibbli jservi bħala miżura difensiva. Imma din l-għażla inevitabbilment tirrinforza n-nuqqas ta' rikonoxximent u konferma tad-drittijiet tal-persuni trans. L-istereotipi u l-injoranza dwar ir-realtà tal-ħajja ta' kuljum u d-drittijiet tal-persuni trans jipperpetwaw l-attitudnijiet pubbliċi negattivi u t-trattament ħażin b'intensità li tvarja; minn ċajt idjotiku u lingwaġġ offensiv sa fastidju serju u esklużjoni. B'dan il-mod, tinħoloq gaġġa inviżibbli, li toħloq ostakoli għall-ugwaljanza u tikkomprometti l-ħajjiet tal-persuni trans. Finalment, kif innutaw il-parteċipanti trans, dawn huma ċittadini li jħossu li m'għandhomx permess ikunu huma nfushom.

*"Jiena ċert li kont insofri iżjed diskriminazzjoni u fastidju li kieku kont nuri li jien trans. Meta kelli nsemmi dan f'kuntesti legali, għamilt hekk, imma minbarra l-familja tiegħi, il-persunal tal-kura tas-saħħa u l-eks sħab, ħadd ma jaf li jien ma twelidtx raġel. Għalhekk kien relattivament faċli għalija, imma l-fatt li jkolli nżomm dan strettament sigriet biex ikun faċli għalija hija ovvjament sitwazzjoni ħażina."* (Raġel trans, 38, Il-Pajjiżi l-Baxxi)

Li tgħix f'ambjent mhux favur il-persuni trans iwassal biex il-persuni trans jadattaw l-espressjoni u l-imġiba tagħhom:

- terz mill-parteċipanti trans kollha (32 %) jevitaw li jesprimu l-ġeneru tagħhom — jew il-ġeneru

**Figura 9: L-opinjonijiet tal-parteċipanti dwar modi li jsaħħu kemm persuni jħossuhom iktar komdi li jgħixu bħala persuni trans (%)**




*Mistoqsija:* *TR6. X'jista' jippermettilek li tħossok iktar komdu/a tgħix bħala persuna trans fil-pajjiż fejn tgħix? Rispondenti li "Jaqblu" u "Jaqblu bis-sħiħ".*
*Bażi:* *Parteċipanti trans fl-istħarriġ tal-UE dwar persuni LGBT.*
*Sors:* *FRA, Stħarriġ tal-UE dwar Persuni LGBT, 2012*

mixtieq minnhom — permezz tal-apparenza fiżika u l-ilbies minħabba biża' li jiġu attakkati, mhedda jew iffastidjati;

- nofs il-parteċipanti trans jirrapportaw li huma jevitaw ċertu postijiet minħabba dawn il-biżgħat;
- kważi wieħed minn kull ħames parteċipanti jevitaw li juru li huma trans anke f'darhom stess, u sitta minn kull għaxra jevitaw li juru dan fuq it-trasport pubbliku.

Dawn is-sejbiet jenfasizzaw kif il-ħajja ta' kuljum tal-persuni trans hija affettwata mill-opinjonijiet soċjali u r-reazzjonijiet lejn persuni trans tal-pubbliku inġenerali. Dan ma jħallihomx igawdu d-dritt ta' rispett għall-ħajja privata, li jiġbor fih id-dritt li wieħed jesprimi l-identità tiegħu fl-oqsma kollha tal-ħajja, inkluż fil-pubbliku.

*"Il-ħajja ta' persuna transġenera hija tal-biża', jiena dejjem attent għal reazzjonijiet negattivi, u nħoss il-bżonn ta' "Segretezza u ħabi" meta nkun f'ħafna mis-sitwazzjonijiet fil-pubbliku bħal meta nuża t-trasport pubbliku eċċ., dan jinvolvi li nilbes ħwejjeġ ikbar u iżjed goffi milli nixtieq." (Transesswali, 39, Ir-Renju Unit)*

Erbgħa minn kull ħames parteċipanti trans jgħidu li miżuri pożittivi li jippromwovu r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem ta' persuni trans, bħal pjanijiet dwar l-ugwaljanza, kampanji pubbliċi jew servizzi speċjalizzati, huma kemmxejn rari jew rari ħafna fil-pajjiż tar-residenza tagħhom. Iżjed minn disgħa minn kull 10 parteċipanti (94 %) jgħidu li jekk l-awtoritajiet nazzjonali kellhom jippromwovu d-drittijiet tal-persuni trans huma jkunu jistgħu jgħixu b'mod iżjed komdu bħala persuni trans.

In-nuqqas ta' dokumenti ta' identità li jikkonformaw mal-identità jew l-espressjoni tal-ġeneru tal-persuna jista' jwassal għal diskriminazzjoni:

- wieħed minn kull tliet parteċipanti trans ħass li kien hemm diskriminazzjoni kontrih fit-12-il xahar ta' qabel l-istħarriġ meta wera l-karta tal-identità jew dokument uffiċjali ieħor li jidentifika s-sess tiegħu;
- kważi disgħa minn kull għaxra (87 %) jgħidu li proċeduri legali iżjed faċli għar-rikonoxximent tal-ġeneru fil-ġeneru preferit tagħhom għandhom jgħinuhom jgħixu ħajja iżjed komda.

*"Huma biss 35 pajjiż fl-Ewropa li għandhom dispożizzjonijiet legali li jirrikonoxxu l-identità tal-ġeneru ta' persuna trans. L-eżistenza ta' persuni trans hija de facto illegali f'14-il pajjiż għaliex dawn ma jipprovdu għall-ebda rikonoxximent. 21 pajjiż fl-Ewropa jeħtieġu bil-liġi li persuni trans jiġu sterilizzati qabel l-identità tal-ġeneru tagħhom tiġi rikonoxxuta. Rekwiżiti oħra jistgħu jinkludu dijanjożi ta' mard mentali, trattament mediku u kirurġija invażiva, valutazzjoni taż-żmien li persuna għexet fl-identità tal-ġeneru l-ġdida, jekk hix persuna waħedha jew divorzjata. Dawn ir-rekwiżiti jiksru d-dinjità tal-persuna, l-integrità fiżika, id-dritt għat-twaqqif ta' familja u li tkun ħielsa minn trattament inuman jew degradanti."*

*Transgender Europe (TGEU) (2014), Id-Drittijiet ta' Persuni Trans Mappa tal-Ewropa & Indiċi 2014, www.tgeu.org/Trans_Rights_Europe_Map*

**Figura 10: Sentiment li kien hemm diskriminazzjoni kontrik f'dawn l-aħħar 12-il xahar fejn kien meħtieġ li turi dokument uffiċjali li jiddikjara s-sess tad-detentur, skont il-grupp ta' identità (%)**




*Mistoqsija:* *C4. Matul dawn l-aħħar 12-il xahar, inti personalment qatt ħassejt li kien hemm diskriminazzjoni kontrik f'kwalunkwe waħda mis-sitwazzjonijiet li ġejjin, minħabba li inti trans: – K. Meta urejt l-ID jew kwalunkwe dokument uffiċjali li jidentifika s-sess tiegħek.*

*Bażi:* *Parteċipanti trans fl-istħarriġ tal-UE dwar persuni LGBT li kellhom juru dokument uffiċjali li jiddikjara s-sess tad-detentur fit-12-il xahar ta' qabel l-istħarriġ.*

*Sors:* *FRA, Stħarriġ tal-UE dwar Persuni LGBT, 2012*

**Figura 11: L-esperjenzi tal-parteċipanti trans meta jfittxu l-għajnuna għaliex huma trans (% tal-każijiet)**




*Mistoqsijiet:* *TR1. Int qatt fittixt għajnuna psikoloġika jew medika minħabba li inti persuna trans (transgender)? Iva.*
*TR3. Mingħand min fittixt l-għajnuna u x'kien ir-riżultat? (Il-forrnituri tas-servizz u l-kategoriji tat-tweġibiet kif elenkati fil-figura; il-kategorija tat-tweġibiet "Ma tapplikax għalija" hija eskluża).*

*Bażi:* *Parteċipanti trans fl-istħarriġ tal-UE dwar persuni LGBT.*

*Sors:* *FRA, Stħarriġ tal-UE dwar Persuni LGBT, 2012*

Ir-Rakkomandazzjoni CM/Rec(2010)5 tal-Kunsill tal-Ewropa tenfasizza li l-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa biex jiggarantixxu r-rikonoxximent legali sħiħ tat-tibdil tal-ġeneru ta' persuna fl-oqsma kollha tal-ħajja, b'mod partikolari billi jagħmlu possibbli t-tibdil fl-isem u fil-ġeneru f'dokumenti uffiċjali b'mod mgħaġġel, trasparenti u aċċessibbli. Tgħid ukoll li r-"rekwiżiti preċedenti, inkluż it-tibdil ta' natura fiżika, għal rikonoxximent legali ta' tibdil fil-ġeneru, għandhom jiġu riveduti regolarment sabiex jitneħħew rekwiżiti abbużivi."

Ħafna persuni trans jinsabu f'riskju għoli ta' saħħa fiżika u mentali ħażina. Diversi studji wrew li ħafna persuni trans jesperjenzaw ħsibijiet ta' suwiċidju, isofru minn dipressjoni, ansjetà, u awtoleżjoniżmu, u anke jagħmlu attentat ta' suwiċidju.

Xi persuni trans, mhux kollha, jgħaddu mill-proċess ta' tibdil fil-ġeneru, spiss magħruf bħala "tranżizzjoni", biex jadattaw il-ġisem għall-identità tal-ġeneru.

Tnejn minn kull ħames parteċipanti trans (39 %), speċjalment dawk minn klassijiet ta' introjtu iżjed baxx u dawk mingħajr impjieg, fittxew l-għajnuna medika jew psikoloġika relatata mal-ħtiġijiet tal-identità tal-ġeneru tagħhom. L-esperjenzi meta jfittxu l-għajnuna huma ferm diversi: sebgħa minn kull 10 (71 %) jirrapportaw esperjenzi pożittivi mal-psikoloġisti, il-psikjatri jew speċjalisti oħra jew mal-persuni li jipprovdu l-kura. Ir-rata ta' sodisfazzjon taqa' taħt in-nofs (45 %) madankollu, fejn huma kkonċernati t-tobba tal-familja. Wieħed minn kull ħamsa (20 %) jindikaw li t-tabib tal-familja tagħhom ma deherx li jrid jgħin, u wieħed minn kull 10 (11 %) jgħid li huwa jew hija sempliċiment irrifjuta li jgħin.

Nofs dawk (52 %) li ma fittxewx għajnuna psikoloġika jew medika sempliċiment ma jridux jew ma jeħtiġux l-għajnuna. Il-gruppi ta' rġiel u nisa li jilbsu tas-sess oppost, varjanti tal-ġeneru, u parteċipanti differenti/oħrajn b'mod partikolari huma l-iktar probabbli li ma jkunux iridu jew ma jeħtiġux il-kura. Terz tal-irġiel trans (33 %) u nisa trans (37 %) jindikaw ukoll li ma jridux għajnuna psikoloġika jew medika minħabba li huma persuni trans. Dawk il-parteċipanti li ma jridux jew ma jeħtiġux il-kura psikoloġika jew medika, imma li ma fittxewwiex sa issa, jirrapportaw ħafna raġunijiet għaliex ma fittxewx l-għajnuna, bħal li ma kellhomx kuraġġ, ma kinux jafu fejn għandhom imorru jew li beżgħu mill-preġudizzju tal-persuni li jipprovdu l-kura. Kważi erbgħa minn kull ħames (79 %) parteċipanti trans jgħidu li iżjed għażliet ta' trattament mediku jgħinuhom jgħixu ħajja iżjed komda bħala persuni trans.

## Opinjoni tal-FRA

***Niżguraw rikonoxximent legali tal-ġeneru***

*Kif wera l-istħarriġ, il-kisba ta' dokumenti tal-identità li jaqblu mal-identità u l-espressjoni tal-ġeneru tagħhom hija problema li tostakola l-ħajja soċjali normali għal ħafna parteċipanti trans. L-Istati Membri tal-UE għandhom jiżguraw ir-rikonoxximent legali sħiħ tal-ġeneru preferit tal-persuna, inkluż it-tibdil tal-ewwel isem, in-numru tas-sigurtà soċjali u indikaturi oħra tal-ġeneru fuq id-dokumenti tal-identità.*

*Il-proċeduri għar-rikonoxximent tal-ġeneru għandhom ikunu aċċessibbli, trasparenti u effiċjenti, li jiżguraw ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem u l-libertà. B'mod partikolari, id-divorzju u interventi mediċi, bħall-isterilizzazzjoni, m'għandhomx ikunu meħtieġa fil-proċessi għar-rikonoxximent legali tal-ġeneru.*

*L-Istati Membri tal-UE għandhom jirrikonoxxu kompletament id-dokumenti u d-deċiżjonijiet maħruġa minn Stati Membri oħra tal-UE fil-qasam tar-rikonoxximent legali tal-ġeneru, biex tiġi ffaċilitata t-tgawdija tad-dritt tal-libertà tal-moviment tal-persuni trans fl-UE.*

# Metodoloġija

L-istħarriġ tal-UE dwar persuni LGBT sar fl-2012 permezz ta' kwestjonarju online anonimu, primarjament promoss f'midja online u midja soċjali relatati mal-persuni LGBT. Din il-metodoloġija ġġenerat bil-wisq l-ikbar ġabra ta' informazzjoni empirika dwar il-persuni LGBT disponibbli fl-Ewropa jew fid-dinja kollha sa issa. Ir-rapport u dan is-sommarju jippreżentaw perċezzjonijiet, esperjenzi, opinjonijiet u fehmiet ta' parteċipanti trans li għandhom 18-il sena jew iktar li kienu utenti tal-internet, li ġew informati dwar l-istħarriġ u li ddeċidew li jipparteċipaw fih. Minkejja li r-riżultati ma jistgħux jitqiesu rappreżentattivi tal-persuni trans kollha li jgħixu fl-UE, id-daqs ferm kbir tal-kampjun ifisser li huwa plawżibbli li t-tendenzi li jinsabu fir-riżultati jirriflettu fil-parti l-kbira dawk tal-popolazzjoni trans fl-UE.

L-istħarriġ adotta metodoloġija ta' ppeżar (weighting), biex jikkumpensa għan-nuqqas ta' statistika affidabbli dwar id-daqs proporzjonat tal-popolazzjoni trans fl-UE, u biex jimmitiga l-effetti tar-rappreżentanza żejda ta' xi Stati Membri tal-UE fil-kampjun totali. Din il-proċedura tiżgura li l-opinjonijiet tal-parteċipanti trans minn kull Stat Membru tal-UE huma rappreżentati fir-riżultati tal-istħarriġ b'mod proporzjonat skont il-popolazzjoni tal-pajjiż. Għal dan il-għan, ġie preżunt li l-proporzjoni tal-perċentwal tal-parteċipanti trans u tas-sottogruppi trans fost il-parteċipanti kollha fl-istħarriġ huma l-istess f'kull Stat Membru tal-UE u l-kalkoli kienu bbażati fuq din il-preżunzjoni (għal deskrizzjoni sħiħa, ara l-Anness 2 fir-rapport ewlieni).

Iżjed informazzjoni metodoloġika tinsab fl-Anness 1 għar-rapport sħiħ dwar it-trans tal-FRA — *Being Trans in the European Union: Comparative analysis of EU LGBT survey data* (Li Tkun Trans fl-Unjoni Ewropea: Analiżi komparattiva tad-data tal-istħarriġ tal-UE dwar persuni LGBT), (2014) — ara: http://fra.europa.eu/en/publication/2014/being-trans-eu-comparative-analysis.




Il-persuni trans, jew dawk li l-identità tal-ġeneru u/jew l-espressjoni tal-ġeneru tagħhom hija differenti mis-sess assenjat lilhom mat-twelid, jiffaċċjaw diskriminazzjoni, fastidju u vjolenza frekwenti fl-Unjoni Ewropea (UE) kollha llum. Din ir-realtà tinstiga biżgħat li jipperswadu lil ħafna biex jaħbu lilhom infushom. Dan ir-rapport jeżamina l-kwistjonijiet ta' trattament ugwali u diskriminazzjoni fuq żewġ bażijiet, jiġifieri l-orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru. Ir-rapport janalizza d-data dwar l-esperjenzi ta' 6 579 parteċipant trans mill-istħarriġ tal-UE dwar persuni Leżbjani, gay, bisesswali u transġeneru (LGBT), l-ikbar korp ta' evidenza empirika tax-xorta tagħha sal-lum. F'din l-analiżi, l-FRA sabet li, bi ftit eċċezzjonijiet, il-parteċipanti trans jindikaw l-ogħla livelli ta' diskriminazzjoni, fastidju u vjolenza fost is-sottogruppi LGBT.

Il-parteċipazzjoni soċjali ugwali u sħiħa ta' kulħadd mingħajr diskriminazzjoni hija prekundizzjoni għal soċjetajiet inklużivi u koeżivi. F'dan ir-rigward, ir-riżultati tal-istħarriġ jagħtu stampa inkwetanti tar-realtà. Dawn juru li l-ugwaljanza ta' persuni trans hija, sa issa, għan li diffiċli jintlaħaq. Xorta waħda, dan ir-rapport qed jasal fi żmien meta numru li qed jikber ta' Stati Membri tal-UE qed jieħdu passi biex jippromwovu u jipproteġu d-drittijiet fundamentali tal-persuni trans. L-evidenza miġbura u analizzata minn dan l-istħarriġ għandha sservi biex il-politiċi u dawk li jfasslu l-politika jistinkaw biex ifasslu leġiżlazzjoni, politiki u strateġiji li jissalvagwardjaw aħjar dawk id-drittijiet.

## Iktar informazzjoni:

Għar-rapport sħiħ dwar it-trans tal-FRA – *Being Trans in the European Union: Comparative analysis of EU LGBT survey data* (Li Tkun Trans fl-Unjoni Ewropea: Analiżi komparattiva tad-data tal-istħarriġ tal-UE dwar persuni LGBT), (2014) – ara http://fra.europa.eu/en/publication/2014/being-trans-eu-comparative-analysis.

Għar-rapport sħiħ dwar l-istħarriġ dwar persuni LGBT – L-istħarriġ tal-UE dwar persuni LGBT – *European Union lesbian, gay, bisexual and transgender survey – Main results* (L-istħarriġ tal-Unjoni Ewropea dwar persuni leżbjani, gay, bisesswali u transġeneru – Ir-riżultati ewlenin), (2014) – ara http://fra.europa.eu/en/publication/2014/eu-lgbt-survey-european-union-lesbian-gay-bisexual-and-transgender-survey-main.

Għar-rapport sommarju dwar l-istħarriġ dwar persuni LGBT – *European Union lesbian, gay, bisexual and transgender survey – Results at a glance* (L-istħarriġ tal-UE dwar persuni LGBT – L-istħarriġ tal-Unjoni Ewropea dwar persuni leżbjani, gay, bisesswali u transġeneru – Ir-riżultati mal-ewwel daqqa t'għajn), (2013) – ara http://fra.europa.eu/en/publication/2013/eu-lgbt-survey-european-union-lesbian-gay-bisexual-and-transgender-survey-results (disponibbli wkoll bil-Franċiż u l-Ġermaniż).

Ħarsa ġenerali lejn l-attivitajiet tal-FRA dwar temi LGBT hija disponibbli fuq: http://fra.europa.eu/en/project/2011/homophobia-transphobia-and-discrimination-grounds-sexual-orientation-and-gender.

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet

**FRA – L-AĠENZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦAD-DRITTIJIET FUNDAMENTALI**

Schwarzenbergplatz 11 – 1040 Vjenna – Awstrija
Tel. +43 158030-0 – Faks +43 158030699
fra.europa.eu – info@fra.europa.eu
facebook.com/fundamentalrights
linkedin.com/company/eu-fundamental-rights-agency
twitter.com/EURightsAgency

© L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, 2014
Ritratt: © Shutterstock

ISBN 978-92-9239-733-3

TK-06-14-152-MT-C doi:10.2811/92274